SAN LAWRENZ

Minuti tas-sebgħa u ħamsin (57) laqgħa tas-Sitt Leġislatura tal-Kunsill Lokali San Lawrenz. Laqgħa li nżammet nhar il-Ħamis 22 ta' Jannar 2015 fis-6:30 pm

Preżenti għal laqgħa:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Anthony Cassar | Sindku |
| Is-Sna. Micheline Mercieca | Vici Sindku |
| Is-Sna. Luiga Grima | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Sultana | Kunsillier |
| Is-Sur Ian Paul Bajada | Seg. Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| Is-Sur John Mercieca | Kunsillier |
| Is-Sna Renee Formosa | Ambaxxatriċi |

1. Talba

Intqalet it-talba. Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

2.1 Inqraw il-minuti tal-57 laqgħa mis-Seg. Ezekuttiv u ġew amendati u approvati mill-membri.

*Mill-Minuti*

2.2 Rigward punt 2.4 is-Sindku stqarr li rigward l-uffiċċju tal-Kunsill, il-minuti tal-laqgħat preċedenti f'din il-leġislatura juru li kien hemm deċiżjonijiet fuq akkwist ta' propjetà sabiex jintuża bħala uffiċju tal-Kunsill. Is-Sindku ppropona li fid-dawl li l-kunsill attwali qed jersaq lejn tmiem il-leġislatura u anke tas-sitwazzjoni finanzjarja preżenti, jkun għaqli li l-Kunsill preżenti ma jieħux deċiżjonijiet li jistgħu jkunu ta' piż finanzjarju għal Kunsill li ser jiġi elett minn hawn u ftit xhur oħra. Kulħadd qabel ma din il-proposta.

2.3 Rigward punt 5, is-segretarju nforma li l-Kunsill qed jaħdem sabiex jingħata l-permess joħroġ il-bye-law, però jista' jkun li jkun hemm ċertu dewmien. Is-segretarju sostna li hu jinsab mħasseb dwar is-sitwazzjoni preżenti dwar il-ftuħ tal-*Interpretation Centre* tad-Dwejra. Huwa stqarr li bħalissa il-persuna li qed tiftaħ dan iċ-ċentru hija persuna li taħdem bl-iskema tal-ETC mit-tnejn sal-gimgħa għal numru limitat tas-sigħat kuljum. Huwa jinsab infurmat li dan iċ-Centru irid jinżamm miftuħ, mill-anqas sa ħames snin minn meta nfetaħ. Wara diskussjoni qasira ġie maqbul minn dawk preżenti, li l-Kunsill Lokali għandu joħroġ sejħa

għall-offerti għal attendant sabiex jinfetaħ dan iċ-Ċentru. Is-Sur Alan Deidun għandu jitqabbad sabiex isiru l-*ispecifications* tat-tender.

3. Korrispondenza

3.1 Mingħand Ġiorġia Gatt rigward il-preżenzaa taż-żwiemel fit-toroq tar-raħal. Il-Kunsill stqarr li din il-materja ma taqax taħt il-kompetenza tiegħu.
3.2 Mingħand Clifford Vella fejn talab permess sabiex tintuża l-emblema tar-raħal ta' San Lawrenz għall-sett ta' *key chains*. Kulħadd qabel li l-permess għandu jingħata
3.3 Min għand Joe Attard, dwar il-ġbir tal-ħġieġ mil-lokalitajiet. Il-Kunsill Lokali qed isostni li l-kuntrattur għandu jipprovdi l-kontenitur apposta fejn jitpoġġa l-ħġieġ sabiex jiġi evitat kull inċident.
3.4 Mingħand Michael Refalo Surmast tal-iskola primarja ta' San Lawrenz sabiex 3 lampi tad-dawl imwaħħlin mal-iskola jiġu mneħħija peress li m'għandhomx jiffunzjonaw. Il-Kunsill ser jikkuntatja lil-enemalta sabiex jara jekk dawn jistgħux jinqalgħu.
3.5 Mingħand Pio Farrugia, Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn stqarr li l-allokazzjoni għas-sena 2015 hija ta' Euro 148,218
3.6 Memo 30/2014 dwar spazji pubbliċi. Is-segretarju nforma li l-Kunsill Lokali applika sabiex jsir *upgrade* tal-*playing fields* tal-lokalita'
3.7 Applikazzjoni għall-għajnuna finanzjarja għall-proġetti kapitali. Il-Kunsill iddeċieda li japplika għall-upgrading tac-*Child Centre facilities*.
3.8 Mingħand Audrey Testaferrata Denoto rigward rikjesta għal diversi permessi. Rigward il-permess tal-loading/unloading bay ġewwa l-pjazza l-Kunsill Lokali qabel li joġġezzjona għall-post allokat peress li ma kienx l-istess post kif saret fl-applikazzjoni u jerġa japplika mill-ġdid. Il-Kunsill qabel ukoll li ser jagħti l-informazzjoni kif rikjesti minn Transport Malta fuq it-talbiet l-oħra.

4. Approvazzjoni ta' pagamenti

4.1 L-iskeda tal-pagamenti numru 57 ġiet approvata għall-ammont ta' €18,399.71, kif annessa mal-minuti.

5. Attivitajiet tal-Karnival

5.1 il-Kunsill iddiskuta l-attivita' tal-Karnival u ddeċieda li ssir nhar is-Sibt 14 ta' Frar fis-7:30 pm. Il-kunsill qabel li jkun hemm kompetizzjoni fuq ħames kategoriji u l-premjijiet isiru bħal ma sar is-sena l-oħra. Għandu jiġi kkuntatjat Joseph Cauchi sabiex hu flimkien ma persuna tal-fiduċja tiegħu joqogħdu bħala ġurija. Bħala *compere* għandu jiġi kunttatjat is-Sur Brian Sultana. F'każ li ma jkunx disponibli is-segretarju u s-Sindku għandhom isibu lil xi ħadd alternativ. Il-

Kunsill Lokali San Lawrenz
22A, Triq id-Duluri, San Lawrenz
Tel: 00356-563556 Fax: 00356-563656
e-mail: sanlawrenz.lc@gov.mt

Kunsill għandu jaħseb għad-*dawl* u *s-sound* għal waqt is-serata. Il-kunsill qabel ukoll li bħala parti mill-attività jistieden lil Ta' Ciangura Folk Group sabiex jagħmel il-kumittiva. Il-kunsill qabel li għandu jgħaddi Euro 300 għal dan is-servizz.

6. Proġett tal-Pjazza

6.1 Rigward iz-Zebra Crossing u l-*flicker lights* ġie suġġerit li fuq naħa jitwaħħlu permezz tas-*solar panels* u fuq in-naħa l-oħra jeħlu permezz tal-elettriku peress li fuq dik in-naħa m'hemmx biżżejjed xemx. Dan sabiex jiġi evitat li jerġa jinqala xi pavimentar tal-pjazza.

6.2 Rigward l-installazzjoni sabiex tiġbor ġo fiha l-*control panel* tal-funtana u l-meter tad-dawl is-Segretarju nforma li l-Perit Scerri ser jibgħat il-*Bill of Quantities* sabiex tkun tista' toħroġ tender.

6.3 Ġie maqbul ukoll li għandu jiġi mqabbad l-avukat Dr Jean Paul Grech sabiex isir ftehim bejn il-Kunsill Lokali u l-propjetarji tal-post 35 fil-Pjazza San Lawrenz, sabiex jeħel id-dawl bħala parti mill-proġett.

7. Approvazzjoni tal-*Financial Statements* Jan-Sett 2014

6.4 Il- *Financial Statements* minn Jannar sa Settembru ġew approvati u ffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku. Is-segretarju nforma li ser isir il-mid term audit li jkopri ż-żmien sa kemm Ms Lucienne Haber kienet Segretarju Eżekuttiva.

8. Approvazzjoni Performance Bonus

Ġew diskussi il-Performance Bonus tas-Segretarju Eżekuttiv attwali, tal-Aġent Segretarju Eżekuttiv Odette Camilleri u tal-Assistant Principal Carmen Micallef. Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil li l-performance bonus tat-tlett impjegati għandu jiġi approvat kollu.

9. Ħarġa tal-Anzjani

6.1 Il-Kunsill qabel li l-ħarġa tal-anzjani li jmiss għandha ssir nhar l-Erbgħa 4 ta' Frar. Il-ħarġa ser tikkonsisti f'mawra sar-raħal taż-Żebbuġ fejn imbgħad ser ikun hemm attivita' ġewwa l-każin tal-Banda taż-Żebbuġ. Kien hemm qbil ukoll li għandu jsir indirizz minn Tabib fuq suġġett relatat mas-saħħa. Ġie maqbul li għandu jiġi kkuntatjat it-Tabib Martin Cutajar.

SAN LAWRENZ

10. Materji oħra

7.1 Is-Sindku ppropona li peressli fl-istaġun tax-xitwa ikun tajjeb jekk il-Kunsill jixtri għaxar xkejjer Viafix (asfaltar) sabiex jintużaw għal fejn ikun hemm bżonn fit-toroq tal-lokalità. Kulħadd qabel ma din il-proposta.

7.2 Is-Sindku talab ukoll li l-Ministeru għal Għawdex għandu jerġa jiġi mfakkar sabiex issir il-konnessjoni tad-drenaġġ bejn trejqet il-Wilġa ta' Gidrin u Triq San Lawrenz peress li tal-aħħar taqa taħt ir-responsabbiltà tal-Ministeru għal Għawdex.

7.3 Peress li ma kienx hemm materji oħra x'jiġu diskussi l-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 19 ta' Frar fil-5:30 pm fejn ser issir il-laqgħa tal-lokalità u wara l-laqgħa tal-Kunsill.

Anthony Cassar
Sindku

Ian Paul Bajada
Seg. Ezekuttiv

Kunsill Lokali San Lawrenz
22A, Triq id-Duluri, San Lawrenz
Tel: 00356-563556 Fax: 00356-563656
e-mail: sanlawrenz.lc@gov.mt